MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 754/2003

Georgina Borg
vs
Errol Cassar

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attrici li biha ppremettiet:

Illi l-attrici hija proprjetarja tal-appartament numru tlieta li jifforma parti minn blokk bini ta' erba' appartamenti maghruf bhala Ervil Court, f'Guze Ellul Street, Gwardamangia.

Illi a tenur tal-att tal-akkwist ta' din il-proprejta` datat l-20 ta' Mejju, 1987 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello (kopja ta' liema giet prezentata mac-citazzjoni u mmarkata Dok A) l-appartament ta' l-attrici, flimkien ma' appartamenti ohra, igawdi l-kommunjoni tal-partijiet

komuni tal-blokk bini inkluz il-bejt li ghandha l-uzu tieghu flimkien mal-proprjetarji l-ohra.

Illi l-konvenut ottjena permess minghand il-MEPA sabiex jizviluppa l-arja tal-fuq imsemmi blokk bini u dan billi jibni sulari ulterjuri bhala flats u penthouse.

Illi dan l-izvilupp kien ser juzurpa d-drittijiet li ghandha l-attrici fir-rigward ta’ dan il-bejt u jikkawza lill-attrici inkonvenjent serju billi jnaqqas id-drittijiet li hija ghandha fuq il-bejt komuni ta’ dawn l-appartamenti.

Illi l-attrici kienet ipprezentat mandat ta’ inibizzjoni (Numru 1114/03) kontra l-konvenut sabiex huwa jigi mizmum milli jibni jew b’mod iehor jizviluppa l-bejt fuq il-blokk fuq imsemmi (kopja ta’ liema giet prezentata mac-citazzjoni u mmarkata Dok B) li gie milqugh pemezz ta’ digriet ta’ l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta’ Lulju 2003 (Dok C) u nhareg il-mandat ta’ inibizzjoni kif mitlub.

L-attrici talbet lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-attrici kienet ko-proprjetarja tal-bejt tal-blokk bini ta’ erba’ appartamenti maghruf bhala Ervil Court, f’Guze Ellul Street, Gwardamangia flimkien mas-sidien l-ohra ta’ l-appartamenti li kienu jiffurmaw parti minn dan l-istess blokk.
2. In difett tiddikjara li fi kwalsijasi kaz l-attrici ghandha d-dritt ta’ l-uzu ta’ dan l-istess bejt u li l-izvilupp li ser jaghmel il-konvenut inaqqas sostanzjalment minn dan id-dritt ta’ uzu.

3. Tiddikjara konsegwentement li l-konvenut ma kellu l-ebda jedd li jibni jew b’mod iehor jizviluppa l-bejt fuq il-blokk maghruf bhala Ervil Court, f’Guze Ellul Street, Gwardamangia minghajr ma jottjeni l-kunsens ta’ l-attrici u l-ko-proprjetarji l-ohra.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 1114/03, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Errol Cassar li eccepixxa:

1. Preliminarjament l-istanza attrici kellha titqies dezerta a tenur tal-Artikolu 963 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li n-notifika tac-citazzjoni saret aktar minn sena wara l-prezentata tal-istess citazzjoni.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u kellha tigi michuda bl-ispejjez peress li ma kienx minnu li l-attrici kienet ko-proprjetarja tal-bejt tal-blokk bini ta’ erba’ appartamenti maghruf bhala “Envil Flats” jew “Envil Court” f’Guze Ellul Street, Gwardamangia, flimkien mas-sidien l-ohra tal-appartamenti li jifformaw parti minn dan l-istess blokk. L-attrici kellha, flimkien mal-proprjetarji l-ohra, id-dritt ta’ uzu tal-bejt tal-imsemmi blokk, u dana kif irrizulta mill-ewwel artikolu tal-att tal-akkwist taghha datat 20 ta’ Mejju 1987 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello.

3. Illi t-tieni u t-tielet talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi d-dritt ta’ uzu li kienet tgawdi l-attrici ghall-bejt (li ma kienx specifikat fil-kuntratt tal-akkwist taghha f’liema sular irid ikun) tal-imsemmi blokk ta’ appartamenti ma kienx jaghtiha wkoll id-dritt li tfixkel u twaqqaf kapriccosament l-izvilupp li l-konvenut, bhala proprjetarju tal-imsemmi bejt, ghandu kull dritt li jaghmel, liema zvilupp kien gie approvat mill-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar (PA 06819/02) u partikolarment meta l-istess zvilupp, kuntrarjament ghal dak li kien qed jigi allegat, mhux ser inaqqas “sostanzjalment minn dan id-dritt ta’ uzu” li kienet tgawdi l-attrici u dana kif irrizulta mid-dikjarazzjoni (Dok EC) prezentata man-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Perit Dathan Muscat, il-perit arkitett inkarigat mill-izvilupp in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi a tenur tal-verbal tas-16 ta’ Novembru 2004 il-Qorti ddirigiet lill-partijiet biex jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet dwar l-eccezzjoni preliminari u ghalhekk din hi decizjoni relativament biss ghall-ewwel eccezzjoni ossija li l-istanza attrici ghandhiex titqies dezerta jew le a tenur tal-artikolu 963(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li n-notifika tac-citazzjoni odjerna saret aktar tard minn sena wara l-prezentata tal-istess citazzjoni.

Bhala fatti jirrizulta li:

Ic-citazzjoni giet prezentata fl-24 ta’ Lulju, 2003;
Il-kawza giet appuntata fid-19 ta’ Awissu 2003 ghas-26 ta’ Novembru 2003;
Hemm riferta negattiva tal-konvenut fit-18 ta’ Settembru 2003;
Fit-2 ta’ Dicembru 2003 saret il-komunika lill-konsulent legali tal-attrici dwar il-verbal tas-26 ta’ Novembru 2003 li l-konvenut ghadu mhux notifikat;
Fit-18 ta’ Marzu 2004 peress li ma kienet saret ebda notifika l-Qorti ddifferiet il-kawza ghat-2 ta’ Gunju 2004;
Fit-2 ta’ Gunju 2004 kien ghadu ma sar xejn u ghalhekk il-Qorti kellha terga’ tiddiferixxi l-kawza;
Fit-23 ta’ Gunju 2004 sar rikors ghan-notifika wara l-hinijiet legali;
Fit-8 ta’ Lulju 2004 giet imhallsa notifika ohra izda din spiccat negattiva fl-14 ta’ Lulju 2004;
Fit-23 ta’ Lulju 2004 sar rikors ghall-procedura tal-affissjoni li gie degretat fit-30 ta’ Lulju 2004;

Fis-6 ta' Awissu 2004 thallset notifika ohra u fid-9 ta' Awissu 2004 din irrizultat negattiva minhabba li ghat-tielet darba rega' ma fetah hadd;
Fit-23 ta' Awissu 2004 thallset notifika ohra u l-konvenut gie notifikat fil-25 ta' Awissu 2004;
In-nota ta' eccezzjonijiet giet intavolata fl-1 ta' Settembru 2004.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
L-Artikolu 963 tal-Kap 12 jitratta dwar "l-eghluq tal-procedura bil-miktub". Dan l-Artikolu jiddisponi li:
"(1) Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 416 u 420, il-procedura bil-miktub, f'kull kawza ghandha tigi maghluqa, fil-Qorti ta' l-ewwel grad, fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur, u fil-Qorti, fi grad ta' appell, fiz-zmien perentorju ta' sena".

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta [Imh J R Micallef] fil-5 ta' Gunju, 2003 fl-ismijiet **Mario Schembri et vs Dr Andrew Galea Debono** inghad:

"Illi d-deżerzjoni tapplika minħabba l-ħtieġa li l-proċeduri bil-miktub ta' kull kawża (jiġifieri qabel ma tibda t-trattazzjoni tagħha) jmisshom jagħlqu sa żmien li l-liġi tgħid li huwa perentorju. Fil-każ ta' kawżi fl-ewwel grad, dan iż-żmien huwa ta' sitt (6) xhur, li l-liġi trid li jibda għaddej minn dak inhar li jitressaq l-Att taċ-Ċitazzjoni;

Illi meta l-istitut tad-deżerzjoni ddaħħal fil-Kodiċi proċedurali tagħna, kien japplika biss għal dawk il-kawżi li tressqu bil-għamla solenni (jiġifieri, bil-mezz tal-libell): hemm il-fehma, għalhekk, li dan l-istitut ma japplikax għal dawk il-kawżi mibdija bil-proċedura sommarja, jiġifieri b'Att taċ-Ċitazzjoni;

Illi wieħed irid jara jekk kemm-il darba dan li għadu kemm ingħad għadux jgħodd illum, jiġifieri wara li daħlu fis-seħħ il-bidliet fil-Kodiċi fl-1995, fejn il-forma solenni fl-ewwel grad tneħħiet iżda ma tneħħiex l-istitut tad-deżerzjoni. Dan jingħad għaliex, fis-subartikolu (2) tal-artikolu 963, li jitkellem dwar minn meta jibda jingħadd iż-żmien ta' sitt

xhur, il-liġi ssemmi "l-preżentata taċ-ċitazzjoni". Minkejja dan, din il-Qorti, diversament presjeduta, kellha l-opportunita' li tqis din il-kwestjoni u kienet uriet il-fehma li s-sitt (6) xhur imsemmija fl-artikolu 963(1) kif inhu llum xorta ma japplikawx għal proċedura mibdija b'Att ta' Ċitazzjoni, għaliex fi proċeduri sommarji m'hemmx żmien għall-atti miktuba;

Illi, madankollu, wieħed għandu jsemmi li l-liġi, wkoll f'dak li jirrigwarda l-proċeduri informali jew sommarji, tiffissa żmien jew fażi ta' proċeduri preliminari li matulhom huwa mistenni li jitressqu l-atti bil-miktub mill-partijiet u li, ma' l-għeluq tiegħu, il-kawża titqiegħed fuq il-listi għas-smigħ. F'dan il-każ, allura, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-istitut tad-deżerzjoni jsir japplika b'dak il-mod u f'dawk iċ-ċirkostanzi, ukoll fil-każ ta' proċeduri mibdijin b'Att ta' Ċitazzjoni;

Illi għal żmien twil, id-disposizzjonijiet tal-liġi għar-rigward ġew imfissra u applikati b'mod iebes u intransiġenti għall-aħħar u dan bil-ħsieb li jiġi mħares in-nuqqas ta' dewmien mhux meħtieġ fil-kawżi. Min-naħa l-oħra jidher li huwa daqstant xieraq u mistħoqq li l-liġi tassikura li s-sanzjonijiet maħsuba fl-istitut tad-deżerzjoni ma jintefgħux fuq il-parti li tonqos li twettaq il-parti tagħha fiż-żmien stabilit minkejja r-rieda tagħha, jew jekk turi li trid tuża l-ħila kollha tagħha biex tilħaq lill-parti l-oħra, jew fejn il-parti l-oħra tirrinunzja għall-eċċezzjoni;

Illi, kif ingħad minn din il-Qorti wkoll, l-istitut tad-deżerzjoni huwa maħsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qiegħed imexxi bil-għaqal il-proċedura mibdija minnu, iżda mhux maħsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawżi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skond il-każ) minħabba ħtiġijiet amministrattivi tal-Qorti. Issa, fil-qagħda proċedurali li tapplika bħal issa, peress li ċitazzjoni ma tistax tiġi notifikata lill-imħarrek qabel ma tkun inħarġet b'ordni mill-Qorti, l-attur ma jistax jiġi kastigat għaż-żmien li jkun għadda bejn meta jkun ressaq l-Att taċ-Ċitazzjoni u meta dan ikun inħareg b'ordni tal-Qorti u jkun iffissat il-jum tal-ewwel smigħ;

Illi għalhekk, jidher li l-waqt li wieħed għandu jqis b'applikazzjoni għaż-żmien imsemmi fl-artikolu 963(1) tal-Kap 12 huwa dak ta' meta l-Qorti toħroġ l-ordni li bih il-kawża tingħata jum għall-ewwel smigħ u jinħareġ l-avviż ta' dik id-data;

Illi minbarra f'dan, din il-Qorti temmen li l-liġi fir-rigward trid titqies kollha, u wieħed ma jridx iwarrab minn quddiemu dak li jgħid l-artikolu 963(5) tal-Kap 12 dwar iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) għal dak li jirrigwarda kawżi li jkunu pendenti quddiem il-Qorti fl-ewwel grad. F'dak il-każ, il-liġi tgħid li kawża li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jingħalqux fi żmien tas-sitt (6) xhur, titqies li tqegħdet fuq il-lista tal-kawżi li, f'ċirkostanzi oħrajn, jitħallew *sine die* taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 964 tal-istess Kodiċi. L-artikolu 963(5)(a) tal-Kap 12 ma jgħidx li l-kawża trid tkun segwiet l-*iter* imsemmi fl-artikolu 964(1), imma biss li, f'każ li kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, li l-proċedura bil-miktub tagħha ma tkunx ingħalqet fiż-żmien imfisser fl-artikolu 963(1), din <u>titqies</u> bħala kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista tas-smigħ u <u>titqies</u> bħala kawża li, b'ordni tal-Qorti, tkun marret *sine die*, għalkemm fil-fatt ma tkun għadha qatt hekk tqegħdet;

Illi għandu jingħad ukoll li l-Att XXXI tal-2002 jaħseb għal tibdil li jolqot l-istitut tad-deżerzjoni, imma sal-waqt li qegħda tingħata din is-sentenza tali tibdil għadu ma daħalx fis-seħħ. Madankollu, minkejja dak it-tibdil, l-artikolu 963 ma ġiex mimsus;

Illi l-frażi "għandha titqies" li tinsab fl-artikolu 963(5)(a) tal-Kap 12 trid tiġi mfissra kif riedha l-leġislatur, jiġifieri li kawża fl-ewwel grad li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jkunux ingħalqu fiż-żmien ta' sitt xhur, tkun tqegħdet għas-smigħ u tħalliet b'ordni tal-Qorti *sine die,* bl-effetti maħsuba fl-artikolu 964 dwar kawżi hekk imħollija, magħdud magħhom l-istadju tal-pubblikazzjoni tal-listi kif hemm imfisser;

Illi dejjem marbuta mal-kwestjoni tad-deżerzjoni u għall-finijiet tal-artikolu 732(2) tal-Kap 12, irid jingħad ukoll li l-

eċċezzjonijiet taħt eżami tressqu mill-imħarrkin f'waqthom u qabel kull eċċezzjoni oħra u għalhekk m'hemmx dubju li huma ma rrinunzjawx għaliha b'xi għamil ieħor waqt it-trattazzjoni. Dan il-fatt juri wkoll li l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni trid titqanqal speċifikatament biex il-Qorti tagħti widen għaliha: id-deżerzjoni m'hijiex kostatazzjoni li l-Qorti tista' minn rajha tqanqal *ex ufficio*. Kieku dan mhux il-każ, l-artikolu 963(4) tal-Kap 12 ma jinftihemx..."

Fil-kawza **Azzopardi vs Aquilina et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Novembru 1999, inghad li:

"……l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur li ma jkunx qed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu, izda mhux mahsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawzi u lanqas biex isawwat lill-attur minhabba htigijiet amministrattivi tal-Qorti".

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, ukoll tat-22 ta' Jannar 2000 **Francesco Saverio Frendo vs Rev. Giuseppe Frendo et** intqal:

"Fil-kaz ta' kawzi fl-ewwel grad fejn ma jkunx gie osservat id-dispost tas-subinciz (1) ta' l-istess artikolu u fejn allura l-proceduri bil-miktub ma jkunux gew maghluqa fiz-zmien stipulat [kif hu l-kaz taht ezami] din ghandha titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smiegh u li sussegwentement, b'ordni tal-Qorti tkun thalliet ghal data mhux specifikata, u d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 964 sa 967 ta' dan il-Kodici ghandhom ikunu japplikaw ghaliha".

"Kjarament allura l-ligi ma tridx illi f'kaz ta' kawza quddiem Qorti ta' l-ewwel grad ikun hemm dezerzjoni awtomatika meta l-proceduri bil-miktub ma jkunux gew maghluqa fi zmien statutorju. Il-Qorti f'dan il-kaz, stabbiliet procedura preciza kif tali dezerzjoni kellha, f'dawn il-kazijiet tavvera ruhha".

Hawnhekk, ta' min jikkwota l-Artikolu 964(1) li jghid:

"Kull kawza li jkun hemm f'Qorti ta' gurisdizzjoni civili, wara li tkun giet imressqa ghas-smiegh, tigi b'ordni tal-

Qorti differita *sine die*, jew xort'ohra sospiza ghandha titqies bhala dezerta sakemm ma tigix appuntata mill-gdid mill-Qorti fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur minn meta tkun hekk giet differita jew sospiza, jew ikun gie pprezentat fil-Qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tigi appuntata mill-gdid:"...

A fol 46 l-attrici ssostni li l-konvenut gie notifikat entro t-terminu ta' sena mis-26 ta' Novembru, 2003 u sahansitra kien ipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu f'din is-sena. Izda l-ligi fl-artikolu 963 (1) titkellem fuq zmien perentorju ta' sitt xhur; tirreferi ghal terminu ta' sena fil-qorti fi grad ta' appell.

Illi pero` fil-kawza fl-ismijiet **Distinct Coversions Limited vs Joseph u Agnes Fasanelli** [1956/1999] deciza mill-Onor Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Jannar 2003 intqal:
"Wara li kompliet telabora aktar dwar id-diversi fehmiet li gew espressi dwar dawn l-izviluppi kif jittrapelaw minn decizjonijiet varji moghtijin mill-Qrati taghna, l-ewwel Qorti ssottolinejat li gej, ma' liema fehma din il-Qorti taqbel perfettament u cioe` li:

"... l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu, izda mhux mahsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawzi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skond il-kaz) minhabba htigijiet amministrattivi tal-Qorti (ara decizjoni fl-ismijiet Azzopardi - vs – Aquilina et tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Novembru 1999). Issa, fil-qaghda procedurali li tapplika bhalissa, peress li citazzjoni ma tistax tigi notifikata lill-imharrek qabel ma tkun inharget b'ordni mill-Qorti, l-attur ma jistax jigi kkastigat ghaz-zmien li jkun ghadda bejn meta jkun ressaq l-Att tac-Citazzjoni u meta dan ikun inhareg b'ordni tal-Qorti u jkun iffissat il-jum ta' l-ewwel smiegh (ara decizjoni Elmo Insurance Services Ltd - vs – E. Pace et, Prim Awla, 14 ta' Lulju 2000)."

Jidher li l-gurisprudenza taghna mxiet fid-direzzjoni li waqt

li wiehed ghandu jqis b'applikazzjoni ghaz-zmien imsemmi fl-art. 963(1) tal-Kap. 12 huwa dak iz-zmien ta' meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jum ghall-ewwel smiegh u jinhareg l-avviz ta' dik id-data (ara Dr. K.F. Dingli noe vs Dr. R. Porsella Flores noe et, Prim' Awla, 16 ta' Frar 2001).

Ghandu jinghad li s'hawn anke l-partijiet kontendenti bejniethom qeghdin jaqblu. Fejn invece ma jaqblux gej mill-fatt li skond il-parti appellata, l-appellanti ma wrietx ghaqal bizzejjed biex tadempixxi dak kollu li hemm rikjest minnha fil-ligi tal-procedura, filwaqt li skond l-appellanti hija mhux biss ghamlet dak kollu possibbli biex tinnotifika tempestivatment lill-konvenuti, imma fuq kollox, is-subartikolu (5) tal-artikolu 963, kif ukoll l-artikoli 964(1) sa 967 tal-Kap. 12 jipprovdu espressament dimensjoni ohra u usa dwar it-terminu ta' sitt xhur u kif ghandu jitqies ghall-fini ta' dezerzjoni. F'kazi simili ghal taghha, issostni s-socjeta` appellanti, tali kawza (skond 963(5) tal-Kap. 12) ghandha titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smigh u li in segwitu, b'ordni tal-Qorti, tkun thalliet *sine die*, u f'dan il-kaz ghandhom japplikaw ghaliha d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 964 sa 967 tal-Kap. 12.

Ghas-socjeta` appellanti ghalhekk dak kollu li hemm stipulat fil-ligi fir-rigward ta' kawzi li jkunu marru *sine die* ghandu *mutatis mutandis* jghodd u japplika bl-istess mod ghall-kaz tieghu. Gie rilevat ukoll li l-legislatur ghazel li ma jaghmilx distinzjoni bejn kawzi li jitqiesu li marru *sine die* ghax ma nghalqux il-proceduri bil-miktub fiz-zmien stipulat u dawk il-kawzi li jkun gew differiti *sine die* b'digriet tal-Qorti. U fejn il-legislatur ma ddistingwix, ma huwiex lecitu li tiddistingwi l-Qorti. Din il-posizzjoni giet imtennija anke qabel ma giet moghtija s-sentenza mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Fi kliem iehor, dejjem skond l-appellanti, din il-kawza messha giet ippubblikata mal-kawzi
l-ohra li marru *sine die*, u li kellha titqies biss li marret dezerta kif hemm imnizzel fl-artiklu 965.

Din il-Qorti taqbel ma' l-appellanti f'dan ir-rigward. Infatti, f'sentenza li nghatat illum stess fl-ismijiet "Id-Direttur tal-Kuntratti v. Cleanwell Services Ltd." jinghad hekk:

"Ghalhekk l-espressjoni "ghandha titqies" fl-Artikolu 963(5)(a) ma tistax tinghata interpretazzjoni aktar wiesa' minn dik moghtija mill-legislatur. Kawza quddiem qorti ta' l-ewwel grad li l-proceduri bil-miktub ma jigux maghluqa fiz-zmien perentorju msemmi fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 963, bhala x'hiex "ghandha titqies"? Ir-risposta hija cara: ghandha titqies bhala (**i**) kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista' ta' kawzi ghas smigh, u (**ii**) bhala kawza li tkun, b'ordni tal-Qorti, thalliet *sine die*. Sa hawnhekk biss twassal l-espressjoni *"shall…be deemed to be"*. Dak li qed tippretendi l-appellanti huwa li tali kawza "ghanda titqies" ukoll li tqeghdet fuq il-lista msemmija fl-Artikolu 964(1). Tali interpretazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, ma hix gustifikata. Il-legislatur kjarament ried li jkun hemm il-pubblicita` tal-lista msemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) ta' l-Artikolu 964 (bil-"pubblikazzjoni" ta' l-istess lista) qabel ma jkun hemm is-sanzjoni tad-dezerzjoni. Huwa veru li fil-prattika jista' jkun hemm certu diffikultajiet ghar-registratur sabiex isegwi l-kawzi kollha; pero` fil-verita` anqas kien obbligat li jsegwi il-kawzi, bhal dik in dizamina, bil-mod kif qed tippretendi s-socjeta` appellanti. Dak li kellu jsir f'din il-kawza kien li, jekk il-Prim' Awla ma rieditx thalli l-kawza *sine die* kif appena ntebhet bit-trapass tas-sitt xhur, ghall-anqas tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 963(5)(a) imsemmi, u r-registratur kien ikun, f'dak il-kaz, obbligat li jimxi skond il-ligi (billi jsemmi l-kawza fil-"Lista tal-kawzi sospizi fil-Qorti…")".

Peress li f'din il-kawza, allura, ma saritx il-pubblikazzjoni mehtiega skond l-Artikolu 964(1) tal-Kap. 12, ma jistax jinghad li l-kawza marret dezerta.

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara respinta l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, u tibghat l-atti lura lill-ewwel

Qorti ghall-kontinwazzjoni tas-smigh tal-kawza skond il-ligi. L-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa lejn il-partijiet."

Fl-istess data l-Onor. Qorti tal-Appell presjeduta bl-istess mod izda bil-membri l-ohra differenti, fil-kawza **Id-Direttur tal-Kuntratti vs Cleanwell Services Ltd.** deciza wkoll fil-31 ta' Jannar 2003 il-Qorti waslet ghall-istess decizjoni hekk:

"Fil-kaz tallum il-kawza ma tqeghditx fuq il-lista msemmija fl-art. 964 u ghalhekk iz-zmien imsemmi fl-art. 965 sabiex issehh id-dezerzjoni ghandu ma bediex ighaddi.
Ghal din ir-raguni l-kawza ma titqiesx dezerta, u l-ewwel
eccezzjoni hija michuda."

Minn dak kollu msemmi hawn fuq johrog car li:

- Il-procedura tad-deserzjoni tapplika wkoll ghall-procedura bic-citazzjoni;

- Illi l-istitut tad-deżerzjoni huwa maħsub biex jippenalizża lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qiegħed imexxi bil-għaqal il-proċedura mibdija minnu;

- Peress li ċitazzjoni ma tistax tiġi notifikata lill-imħarrek qabel ma tkun inħarġet b'ordni mill-Qorti, l-attur ma jistax jiġi kastigat għaż-żmien li jkun għadda bejn meta jkun ressaq l-Att taċ-Ċitazzjoni u meta dan ikun inħareg b'ordni tal-Qorti u jkun iffissat il-jum tal-ewwel smiegħ;

- Għalhekk it-terminu msemmi ta' sitt xhur ma jiddekorrix kif tispecifika l-ligi fl-artikolu [art 963(2) mill-prezentata tac-citazzjoni] izda minn meta toħroġ l-ordni li bih il-kawża tingħata jum għall-ewwel smigħ u jinħareġ l-avviż ta' dik id-data;

- L-artikolu 963(5)(a) tal-Kap 12 jsemmi li meta kawza tkun quddiem qorti ta' l-ewwel grad, din **ghandha titqies** bhala kawza li tkun tqedghet fuq il-lista tal-kawzi

ghas-smigh u li sussegwentement tkun thalliet ghal data mhux specifikata u ghandhom japplikaw ghaliha l-artikoli 964 sa 967

- L-artikolu 964 jsemmi li kull kawza li jkun hemm f'qorti ta' gurisdizzjoni civili differita sine die jew sospiza ghandha titqies dezerta sakemm ma tigix appuntata mill-gdid mill-qorti fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur minn meta tkun hekk giet differita jew sospiza jew prezentat fil-qorti rikors, f'dak il-perijodu, biex tigi appuntata mill-gdid;

- Bl-emenda tal-Att XXXI.2002.188 Il-**Lista tal-kawzi sospizi fil-qorti** spiccat b'mod li l-bazi tas-sentenzi fuq kwotati Id-Direttur tal-Kuntratti v. Cleanwell Services Ltd. u Distinct Coversions Limited vs Joseph u Agnes Fasanelli m'ghadiex aktar applikabbli.

Ghalhekk fil-kaz in ezami jirrizulta li c-citazzjoni giet prezentata fl-24 ta' Lulju, 2003; il-kawza giet appuntata fid-19 ta' Awissu 2003 ghas-26 ta' Novembru 2003; in-nota ta' eccezzjonijiet giet intavolata fl-1 ta' Settembru 2004. Dan iwassal li l-procedura bil-miktub kellha tigi maghluqa sal 20 ta' Frar 2004 [sitt xhur wara l-ordni tal-Qorti li fiha jinghata jum ghall-ewwel smiegh tal-kawza u jinhareg l-avviz ta' dik id-data (u wara l-A.L. 342/03) li permezz tieghu dahal b'effett l-Artikolu 964 kif emendat mill-1 ta' Dicembru 2003]. Ir-rikors ghar-riappuntament fi zmien sitt xhur [ghax ghalkemm il-kawza kienet fuq il-listi, a tenur tal-art 963(5) kellha titqies li thalliet ghal data mhux specifikata u ghalhekk kellu jsir ir-rikors fi zmien perentorju ta' sitt xhur a tenur tal-artikolu 964 (1)] ma sarx [u cioe` sal-20 ta' Awissu 2004]. L-eccezzjoni tad-dezerzjoni ma tigix sollevata ***ex uffucio*** mill-Qorti izda giet eccipita mill-konvenut meta pprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu fl-1 ta' Settembru, 2004.

Ghaldaqstant tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Spejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------